SANNAT

Minuti ta' tnejn u tletin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 21 ta' Ġunju, 2011 fis-7.15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

1532 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 31 li saret fit-16 ta' Mejju 2011.

**Item 2 Mill-Minuti**

1534 *(para. 1485)* Il-Kunsill iffirma l-kuntratt tal-iskart domestiku u kummerċjali għalih waħdu mal-KIP Għawdex.

1535 *(para. 1486)* Rigward id-delineazzjoni tal-ħajt tal-uffiċċju tal-Kunsill il-ġdid ma' proprjeta' ta' John Grima, inbeda ix-xogħol ta' tindif u John Grima kiteb lid-Dipartiment tal-Artijiet u għamel mandat ta' inibizzjoni kontra d-Dipartiment tal-Artijiet, il-Kunsill u l-kuntrattur. Id-Dipartiment tal-Artijiet għamel mandat ieħor lis-Sindku u ieħor lis-Segretarju Eżekuttiv. Ser issir laqgħa bejn il-Perit tad-Dipartiment, il-Perit tas-Sinjuri Grima u perit indipendenti li għandhom jiddeterminaw fejn għandu jinbena l-ħajt diviżorju. Il-Kunsill mhux ser jitħalla jieħu sehem f'din il-laqgħa. Il-Qorti laqgħet il-mandat ta' inibizzjoni.

1536 *(para. 1476)* L-Electro Waste Malta Ltd. kitbu lill-Kunsill fejn qalu li ser jinfurmaw lill-Kunsill kif ser jipproċedu dwar il-ġbir ta' ħwejjeġ għar-riċiklaġġ.

1537 *(para.1488)* Dwar l-applikazzjoni tal-wesgħa ta' Triq id-Daħla taċ-Ċnus għand il-MEPA, ġejna nfurmati li l-proċess tad-devoluzzjoni tal-art li qed tiġi pproċessata. Wara huma kitbu ittra oħra u qalu li trid titħalla wesgħa ta' 4.8 metru bħala triq għal bdiewa u xi tibdil ieħor. Il-kuntratt dwar l-għajnuna finanzjarja tal-ECO Gozo ġie ffirmat biex il-Kunsill jingħata l-finanzjament tal-proġett mill-Ministeru għal Għawdex. It-tender ser tagħlaq fit-28 ta' Ġunju 2011.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

1538 *(para. 1490)* Dwar l-applikazzjoni tal-bozza ta' Triq Gerxija, is-sid tal-*farmhouse,* John Beacon qalilna li jaċċetta li l-arblu jitpoġġa mal-ħajt tal-proprjeta' tiegħu.

1539 *(para. 1492)* Saret laqgħa mal-Greenpak Co. fejn il-Kunsill ġie nfurnat li ser jerġgħu jagħtu l-boroż il-ħodor lir-residenti. Il-kumpanija qed tistenna il-*container* jidħol għaliex ittardja. Huma qalu li l-persentaġġ previst ta' ġbir ta' skart separat ma ntlaħaqx. Għandu jsir sforz sabiex il-ġbir tal-iskart separat jitla' għal 33%.

1540 *(para. 1493)* Saret laqgħa oħra mal-Paying Agency dwar il-Measure 313 u Measure 323. Dwar il-*Promotion campaign*, il-Kunsill għażel li dan il-board titpoġġa fil-bidu ta' Triq it-28 ta' April 1688 u għandu japplika biex iġib il-permess ta' Transport Malta. Il-perit ftiehem mal-Paying Agency li għandu jagħmel l-arrangamenti hu fuq l-art work. L-aħħar *bilateral meeting* sar fis-17 ta' Mejju 2011. Rigward l-applikazzjoni għand il-MEPA, Measure 323 ġejna nfurmati li dawn ikkonsultaw mal-KNPD. Rigward il-Measure 313 qed jiġi propost li l-*fencing* madwar il-proġett ma jsirx u jsiru CCTV cameras għas-sigurta' u d-differenza tal-flus tintuża għal ispejjes tal-Project Manager. Waqt il-laqgħa l-perit semma li l-latrina ser titnizzel parti minnha taħt l-art. Il-Kunsillier Teddy Bajada kiteb ittra lill-Kunsill dwar il-latrina pubblika li ser issir bħala parti mill-proġett tal-Bidwi Park. Hu talab biex il-Kunsill jiddiskuti l-oġġezzjoni li saret minn residenti għaliex fl-aħħar pjanta hemm kċina 10 piedi 'il bogħod mil-latrina pubblika. Is-Sindku qal li din il-latrina għandha tiġi semi-basement u f'nofs il-proġett fuq in-naħa fejn ma hemmx bini. Il-Kunsill qabel li din l-latrina għandha tkun semi-basement f'nofs il-proġett u fuq in-naħa fejn ma hemmx bini. Il-perit għandu jiġi nfurmat dwar dan. Is-Sur Emanuel Galea li kien iffirma biex jinbena l-ħajt tas-sejjieħ kif kienet saret l-applikazzjoni oriġinali għandha ssir laqgħa miegħu fejn jiġi spjegat lilu t-tibdil li sar.

1541 *(para. 1512)* It-terrapien li kien hemm fi Triq tal-Lewż tneħħa mill-kuntrattur Pius Attard.

1542 *(para. 1517)* Rigward il-Wellness Package tal-BodyForge għandha tintbagħat ittra lir-residenti rigward din il-laqgħa.

1543 *(para. 1523)* Rigward it-*Tender No.02/2011 for Street Resurfacing with hot rolled asphalt under the Public Private Partnership Scheme*, is-Segretarju Parlamentari, Dr. Chris Said għandu jiġi fit-30 ta' Ġunju fil-11.00 ta' filgħodu fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona li din il-laqgħa ssir fis-1.00 ta' wara nofs inhar.

1544 Is-Segretarju Parlamentari Dr. Mario Demarco kiteb li ser jiffissa laqgħa mal-Kunsill dwar Mġarr ix-Xini. Is-Sindku qal li s-Sur Manuel Tabone, Direttur għal Ekonomija u Turiżmu qallu li l-Ministeru għal Għawdex ser jieħdu ħsieb tal-mobile toilets huma f'din il-bajja.

**Item 3 Korrispondenza**

1545 Memo 47/2011 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward attivitajiet kulturali fis-sit tal-www.lc.gov.mt.

1546 Memo 48/2011 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward s-servizzi tal-MEUSAC.

1547 Memo 49/2011 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward studenti li jistgħu jagħmlu *work placement* mal-Kunsilli Lokali.

SANNAT

1548 Memo 50/2011 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-Immaniġġjar tal-Iskart.

1549 Memo 51/2011 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward spezzjonijiet tal-MCCXAA fuq il-playing fields u r-rinnovazzjoni ta' dawn mill-Kunsilli Lokali.

1550 Memo 52/2011 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-Immaniġġjar tal-Iskart.

1551 Memo 53/2011 rigward proċedura li għandha tiġi segwita meta Kunsill/Reġjun jiġi biex jaħtar Segretarju Eżekuttiv mil-lista tal-pool tas-Segretarji Eżekuttivi.

1552 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward attivitajiet kulturali fix-xahar ta' Lulju 2011.

1553 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar workshops tal-IMMAĠINA/18/Kapitali Europej tal-Kultura.

1554 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-korsijiet LifeLong Learning.

1555 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar attivita' li tvara l-benefiċċi fuq l-iskema tal-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilta' ta' Librerija.

1556 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar seminar kif il-Kunsilli Lokali jistgħu jippromovu aħjar il-lokalita' tagħhom għat-turisti. Dan ser isir fil-Kunsill Lokali tal-Furjana.

1557 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ħaddiema IPSL & EX WSC li huma assenjati mal-Kunsill.

1558 Ittra mill-Ministeru għal Għawdex dwar kalendarju kulturali Għawdxi li jkopri sena sħiħa bejn l-1 ta' Ottubru 2011 sa l-aħħar ta' Settembru 2012. L-informazzjoni li qed jitolbu hi:Attivitajiet tal-Kunsill Lokali, Festivals u Festi, Wirjiet u Jum il-Lokalita'. Huma jridu lista ta' sitt items ta' nteress fil-lokalita' ta' Sannat.

1559 Ittra mill-MEPA li l-ammont tal-UIF Funds għad-dispożizzjoni tal-Kunsill hu ta' €26,415.71ċ.

1560 Ittra risposta mill-Transport Malta rigward il-metru *Double Yellow Lines* fuq żewġ naħat tal-entratura tal-garaxx St. Margaret Court, Triq Paranji. Huma qalu li dawn ġew avviċinati mir-residenti ta' St. Margaret Court sabiex isiru u huma ħadu azzjoni. Is-sindku talab li tinkiteb ittra lil Transport Malta li mhux sodisfatt bir-risposta li ngħata dwar dak li sar.

1561 Ittra mill-Transport Malta rigward *Reserved parking* fi Triq il-Kbira. Huma talbu li ssir site plan ġdida fejn jiġi ndikat ir-reserved parking mitlub.

1562 Ittra minn Transport Malta li d-Double Yellow Lines fi Triq Qortina kantuniera ma' Triq l-10 ta' Ottubru ġew approvati.

1563 Ittra minn Transport Malta fejn ġie approvat li titneħħa l-Stops Sign fi Triq Xabbata ħdejn Marsilja Store u ssir oħra fi Triq Marsilja kantuniera ma' Triq Xabbata.

1564 Ittra minn Mario Gatt ta' Gatt Tarmac Ltd. fejn qal li x-xogħol ta' tiswija li kellu jsir fi Triq Santa Maria sar.

1565 Ittra mill-MEUSAC dwar Espressjoni ta' interess għal Town Twinning Meetings.

SANNAT

1566 Ittra mill-MEUSEC dwar information Session on Waste Regulations 2011.

1567 Fit-22 ta' Ġunju ser issir laqgħa tal-MEUSEC dwar il-project proposals tal-Life+call fl-uffiċċju tagħhom f'Għawdex.

1568 Ittra mingħand Frank Salt Ltd. fejn talbu l-permess li jagħmlu l-advertising u maintenance tas-*safety barriers* li hemm fil-lokalita'. Dawn huma għal dawk li jinsabu f'postijiet pubbliċi u ħdejn Zebra Crossings. Il-Kunsill qabel li joffri lill-Frank Salt Ltd. li dawn ir-riklami isiru fuq dustbins ġodda li jsiru a spejjes ta' Frank Salt Ltd. flok dawn li hemm.

1569 Ittra mingħand Sinnet Folk Group fejn taw informazzjoni dwar is-servizzi li joffru.

1570 Ser isir seminar relatat mal-Europe 2020 Strategey f'Malta.

1571 Fit-22 ta' Ġunju ser issir laqgħa fl-uffiċċju tal-MEUSAC ta' Għawdex rigward fondi mill-EU.

**Item 4. Tenders u Kwotazzjonijiet**

1572 Tender 01/2011 *Measure 323 – Tender for the restoration and construction of rubble walls at passage of Triq Ras in-Newwiela*, ġie ppreżentat rapport mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Dan kien iffirmat minn żewġ membri tal-bord u ieħor ikkonferma permess ta' email waqt il-laqgħa.

F'dan ir-rapport il-bord semma dawn il-punti:

Li Bugeja Brothers ma tawx informazzjoni rigward esperjenza fuq xogħol ta' ġebel tas-sejjieħ u ma ppreżentawx il-*general environment plan*.

Li Pius Attard it-*turnover* tiegħu tas-sena 2007 kien inqas minn €30,000 kif kien mitlub. Dan apparti ritratti u qal li x-xogħol ser isir minn ċertu Nazzareno Theuma li għamel xogħol fi propjetajiet privati ma tax informazzjoni rigward l-ammont ta' dawn ix-xogħlijiet, meta saru u l-ismijiet tal-klijenti. Dan ma ppreżentax il-*general environment plan*.

Rigward Gatt Tarmak Ltd. l-offerta tagħhom kienet teknikament u administritivament tajba imma teċċedi l-budget tal-proġett li kien speċifikat fit-tender. Il-Bord irrakomanda li skond kalwsola 33.2 tar-tender l-awtorita' kompetenti għandha d-dritt li tikonsulta mal-kuntrattur biex iġġib il-prezz f'livell sodisfaċenti għal Kunsill. Dan irid isir fi żmien 10 tijiem minn meta l-kuntrattur jiġi nfurmat. Il-Kunsill għandu iżomm ukoll id-dritt li naqqas iż-żmien ta' meta għandu jitlesta x-xogħol.

1573 **Tender No. 03/2011**

**Tender for the supply and installation of passanger lift at new local council offices - Sannat Local Council**

**Closing date Tuesday, 31st May 2011 at noon**

| Tender No. | Name of Contractor | Total of all works |
|---|---|---|
| 1. | Pantalesco Ltd. | € 29,617 |
| 2. | Albert Debono, D & S Lift Maintenance Services | € 25,061 |
| 3. | S. S. Lifts Ltd. | € 22,689 |
| 4. | Groffe Elavaters Services | € 24,774.25 |
| 5. | Central Lifts/AR Tec. | € 27,380 |

Dawn id-dokumenti ser jingħataw lill-perit biex jgħaddihom lill-inġinier ħalli jagħmel ir-rapprot fuq dawn l-offerti.

1574 **Scedule of Quotations**

**Quotations 05/2011**

**Quotations for Hire of Tipper Truck including driver for loading/unloading of cold asphalt for patching works per hour & hire of Tipper Truck including driver for loading/unloading of cold asphalt for patching works per hour.**

**Closing date $17^{Th}$ June 2011 (Opened on $21^{th}$ June 2011)**

| No. Contractor | Tonnage | Cubic met. | Amount |
|---|---|---|---|
| 1. Joseph Magro Hire of Vibrator Road Roller including driver per hour (double drum 1 meter wide) | | | €15.00 |
| Hire of Tipper Truck including driver for | 3.50 | 1.5 | €15.00 |
| loading/unloading of cold asphalt | 7.00 | 5.4 | €15.50 |
| Hire of labourers for patching works per Hour (rate per person) | | | € 8.50 |
| 2. Bugeja Bros. Ltd. Hire of Vibrator Road Roller including driver per hour (double drum 1 meter wide) | | | €16.50 |
| Hire of Tipper Truck including driver for | 12 | 13 | €18.00 |
| loading/unloading of cold asphalt | 11 | 7.5 | €15.00 |
| Hire of labourers for patching works per Hour (rate per person) | | | €12.50 |
| 3. Gatt Tarmac Ltd. Hire of Vibrator Road Roller including driver per hour (double drum 1 meter wide) | | | €38.00 |
| Hire of Tipper Truck including driver for loading/unloading of cold asphalt | 4 | 4 | €32.00 |
| Hire of labourers for patching works per Hour (rate per person) | | | €9.50 |

Il-Kunsill għażel dik ta' Joseph Magro li kienet l-irħas waħda. Ix-xogħol ta' patching għandu jibda mmedjatament. Il-Kunsillier Teddy Bajada ġibed l-attenzjoni tal-Kunsil li għandu jsir xi tip ta' superviiżjoni fuq dan ix-xogħol.

1575 **Hand Quotation No. 05/2011**

**Quotation for Grass cutting in Triq Mġarr ix-Xini limits of Ta' Sannat**
**Closing date 26th May 2011 at noon**

| No. | Contractor | Amount € |
|---|---|---|
| 1. | Joseph Magro | 550.00 |
| 2. | Pius Attard | 1,227.20 |
| 3. | Salvu Cilia | 600.00 |

Din ingħatat lil Joseph Magro li kellu l-irħas kwotazzjoni.

**Tender tal-Fanali ta' Triq Sannat**

1576 Rigward din it-tender ġie Mario Curmi ta' Galea Curmi Consultants li huma nkargati mill-street lighting. Huwa qal li fil-2009 ġie ffirmat kuntratt mal-Kumitat Kongunt tal-Street Lighting fejn huma ġew inkargati sabiex jagħmlu s-*specifications* għal xogħol ta' dawl. F'dik li għamel l-perit Scerri ma hemmx id-dettalji neċessarji rigward *safety* għall-pubbliku u għalhekk hi ġenerika. Għalhekk il-Kunsill qabel li jitbiddlu l-*specifications* tad-dawl tal-fanali u toħroġ sejħa għall-offerti mill-ġdid li ssir minn Galea Curmi Consultants. Rigward it-tender preżenti ġie deċiż li dawn ma jinfetħux u jingħataw lura lill-kuntratturi konċernati. Meta dawn jerġgħu jixtħu t-tenders il-ġodda ma jħallsux tat-tender il-ġdida.

**Item.5 Attivitajiet Sportivi fis-Sajf**

1577 Il-Kunsill qabel li fil-ġimgħa tal-festa ssir Sports Day għat-tfal fl-inħawi ta' Saguna. Attivita' oħra sportivi li ġiet approvata hi dik ta' training sessions għat-tfal ta' bejn l-erbatax u s-sittax-il sena. Dan għandu jsir bi ħlas ta' miżata mill-parteċipanti. Shaun Bajada għandu jieħu ħsieb dawn it-training sessions. Attivita' oħra għandha tkun Logħob Mingħajr Konfini għal kbar.

**Item 6. Materja Oħra**


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

1578 Fil-playhing field għadd ma saritx l-ispezzjoni tal-Malta Standards Authority. Il-Kunsillier Marlene Muscat għandha tikkuntatja lill-persuna konċernata sabiex din l-ispezzjoni ssir kemm jista' jkun malajr. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li jrid jinħatar Kunsillier li jkun responsabbli mill-playing field.

1579 Il-Kunsillier Marlene Muscat attendiet għaċ-ċerimonja tal-Iskema Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-Responsabilta ta' Libreriji. Il-Kunsill ingħata ittra mid-Dipartiment li ser jingħata €466 f'għajnuna għal-Librerija Lokali fejn nofshom jintużaw għal xiri ta' kotba u n-nofs l-ieħor jintuża għal ħtiġijiet oħra tal-librerija. Il-Kunsillier Muscat ippreżentat ktieb li ġie mogħti lilha waqt din iċ-ċerimonja mill-MIPP. Is-Sindku qal li s-surmast qallu li l-iskola għandha bżonn tal-kamra tal-librerija għal użu tat-tfal bħala klassi u għalhekk talab biex l-librerija tiġi transferita qabel tiftaħ l-iskola.

1580 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li jekk ser isir xi tibdil fil-postijiet tal-kiosks fil-festa, dan għandu jsir kemm jista' jkun malajr għaliex iridu jinħarġu l-avviżi. Din tħalliet għal darba oħra biex tiġi solvuta l-problema tad-dawl billi l-Enemata tgħidilna kif l-aħjar li jitqassmu l-kiosks li jużaw il-meter tad-dawl.

1581 Il-permess tar-roundabout ta' Sannat Junction ser jersaq għall-approvazzjoni tal-MEPA.

1582 Is-Sindku semma li fi Triq tal-Lewż hemm trailer fi triq. Il-Kunsill għandu jkellem lill-Wardens sabiex jittieħdu passi u titwaħħal karta mat-trailer biex jitneħħa u jekk ma jitneħħiex jiġi eventwalment imneħħi.

1583 Il-Kunsillier Teddy Bajada semma li l-permess biex il-bitħa tal-iskola li hemm fuq wara ssir pitch tal-*5 aside* ġie approvat. Hu ssuġerixxa li ssir laqgħa mal-Minsitru għal-Għawdex biex tagħti l-għajnuna tagħha. Hu talab li jekk possibbli, l-Kunsill jgħin mill-aħjar li jista'. Dan il-gound għandu jintuża mit-tfal tal-iskola filgħodu u fil-għaxija jintuża mis-Sannat Lions F. C.

1584 Is-Sindku semma li nkitbu diversi ittri dwar il-ħitan tas-sejjieħ lill-Ministeru għal Għawdex dwar il-ħitan tas-sejjieħ li hemm imwaqqgħa fi Triq Mġarr ix-Xini u għadhom ma nbnewx. Il-Kunsill qabel li jintalbu żewġ ħaddiema tal-IPSL biex jintbagħtu jibnu dawn il-ħitan biex jitħaffef ix-xogħol.

1585 Is-Sindku semma li nġibdet l-attenzjoni tiegħu rigward il-kanal tal-ilma li hemm imblukkat taħt it-triq ta' Mġarr ix-Xini biex dan jitnaddaf. Dan il-kandott għandu xi gradi.

1586 Rigward il-ħofra li hemm fin-niżla tal-konkos ta' Triq ta' Mġarr ix-Xini għandu jinxeħet ftit konkos mill-ħaddiema tal-Kunsill. Din kienet imtliet bit-torba temporarjament.

1587 Peress li wasal iż-żmien biex jibda x-xogħol ta' skavar tal-loġġa bħala parti mill-proġett tal-Mġarr ix-Xini Regional Park għandu jitnaddaf il-wied u l-passaġġ li jieħu għal wied mill-ħaddiema tal-Community Works Scheme.

1588 Il-Community Work Scheme bagħtu erba' ħaddiema mal-Kunsill. Minn dawn ġew tlieta li huma:

Farrugia Peter Paul
Magro Francis
Sciberras Joel

SANNAT

1589 Il-badges bil-logo tal-Kunsill spiċċaw. Inġabu żewġ kwotazzjonijiet li huma:

Joseph Baron - €2.36
Godfrey Duca - €2.50

Il-Kunsill għandu jordna dawk ta' Joseph Baron.

1590 Rigward il-kiosks fil-festa, il-Kunsill ħalla din il-materja għal laqgħa oħra.

**Item 7. Ilmenti**

1591 Ilment mill-kuntrattur K.I.P. Għawdex biex isiru *double yellow lines* fi Triq il-Moxa, Triq Santa Marija u Triq Skerla fil-kantuniera. L-Skips qed ikun hemm skart fil-boroz fl-art barra minnhom. Għandu jsir parking fuq naħa waħda u *double yellow lines* fuq in-naħa l-oħra.

1592 Ginja Cassar ilmentat dwar il-bank ta' Triq l-20 ta' Lulju li trid li dan jinbidel. Is-Sindku qal li din trid wieħed bħal dawk tal-pjazza.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Tnejn, 4 ta' Lulju 2011 fis-7.30 ta' filgħaxija biex titkompla l-aġenda pendenti.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |